# Tribunal Industrijali

# Deċiżjoni Nru. 2220

KazNru: 3000/CA

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Chantelle Conti

u

Pizza by Luca Ltd

*dwar: tkeċċija mill-impjieg allegata li hi inġusta*

**Illum : 6 ta' Mejju, 2013**

**Chairman: Is-Sur Christopher Attard BSc(Hons) MA (B'Ham)**

## 1. Introduzzjoni

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors preżentat fir-Reġistru tal-Qorti fid-29 ta' Frar 2012 mir-rikorrenti Chantelle Conti, fejn talbet li dan il-każ jinstema' quddiem it-Tribunal Industrijali.

Meta beda jinstema' il-każ inkwestjoni, deheru r-rikorrenti li kienet assistita mill-Avv. Matthew Brincat u għas-Soċjetà ntimata deher is-Sur Gianluca Costa bħala Direttur ta' Pizza by Luca Ltd assistit mill-Avv. Adrian Mallia.

Għall-iskopijiet ta' Artikolu 78 ta' Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta jingħad li dan il-każ ma setax jiġi deċiż fiż-żmien mogħti bil-liġi sew minħabba nuqqasijiet infrastrutturali li jrid iħabbat wiċċu magħhom it-Tribunal kif ukoll xi differimenti li ntalbu.

## **2. Fatti tal-Każ**

Fl-istqarrija tal-każ, ir-rikorrenti tgħid li kienet impjegata mas-Soċjetà intimata bħala kaxxiera *part-time* fuq kuntratt indefinit, sa minn nhar l-10 ta' Settembru 2009 sat-18 ta' Lulju 2011. Fit-18 ta' Lulju 2011 hija ffirmat kuntratt definit ta' sena ma' l-istess Soċjetà bħala accounts clerk. Fit-2 ta' Novembru 2011, ir-rikorrenti ġiet infurmata mill-*Accounts Manager* tas-Soċjeta' li l-impjieg tagħha ġie terminat.

Ir-rikorrenti tgħid li l-aġir tas-Soċjeta' intimata jikkostitwixxi terminazzjoni nġusta tal-impjieg u ksur tal-providementi tal-liġi dwar it-terminazzjoni ta' kuntratt għal-terminu fiss u talbet lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex:

1. Jiddikjara illi t-tkeċċija tal-mittenti minn mas-Soċjeta' intimata ma saritx għal raġuni ġusta u suffiċjenti skont il-liġi;

2. Jagħti dawk il-provvedimenti kollha opportuni fiċ-ċirkostanżi tal-każ sabiex kull inġustizzja li saret fil-konfront tal-esponenti tiġi rimedjata mis-Soċjeta' intimata, inkluż il-kundanna ta' ħlas ta' elfejn tmien mija tlieta u disgħin Ewro u ċentenzmu (£2839.01) bħala kumpens lill-esponenti, liem kumpens huwa dovut lill-esponenti skont l-artikolu 36(11) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-Nota mressqa mis-Soċjetá intimata li biha eċċepiet li:

1. Illi l-aġir tas-soċjeta' esponenti ma jammontax għal terminazzjoni inġusta tal-impjieg tar-rikorrenti Chantelle Conti u/jew tal-liġi dwar it-terminazzjoni ta' kuntratt għal-terminu fiss, stante illi t-terminazzjoni ta' l-impjieg tar-rikorrenti Chantelle Conti sar fiż-żmien ta' *probation* stabbilit mill-artikolu 1(c) tal-kuntratt ta' impjieg ta' l-istess Chantelle Conti.

## **3. Kunsiderazzjoni**

Mill-provi quddiem it-Tribunal, xehedu uffiċjali tas-Soċjetá fejn spejgaw li r-Rikorrenti kienet impjegata fuq kuntratt *part-time* indefinit mill-10 ta' Settembru 2009, bħala kaxxiera prinċipalment tirrispondi t-telefon. Fit-18 ta' Lulju 2011 ir-Rikorrenti waqfet l-ewwel impjieg tagħha u ffirmat kuntratt ġdid full-time definit għal sena li kien jikkonsisti bħala *Data Input Clerk*.

Mill-provi jirriżulta, li r-rikorrenti ġiet infurmata fit-2 ta' Novembru 2011 mill-Accounts Manager tas-Soċjetá li l-impjieg tagħha kien qed jiġi tterminat.

Illi r-rikorrenti kienet impjegata mas-Soċjetá in forza ta' kuntratt ta' impieg tat-18 ta' Lulju 2011, kopja annessa bħala Dok. "B" kif anness mar-rikors prezentat fid-29 ta' Frar 2012. Mill-provi jirriżulta, li Klawsola 1(c) tal-Kuntratt tgħid li ir-rikorrenti kellha *probation period* ta' sitt (6) xhur.

Sar rikors fis-27 ta' Novembru, 2012 mir-rikorrenti Chantelle Conti fejn intalab li qabel ma ssir it-trattazzjoni tal-każ ir-Rikorrenti titħalla ttella' rappreżentant tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg jixhed quddiem it-Tribunal dwar kif id-dipartiment jimxi ma sitwazzjonijiet simili għall-każ *de quo*. Is-Soċjetá intimata oġġezzjonat għat-talba. Wara kunsiderazzjoni sħiħa tas-sottomissjonijiet kollha u l-osservazzjonijiet orali li saru waqt it-trattazzjoni tul is-seduta tal-15 ta' Novembru 2012, it-Tribunal f'Digriet tat-19 ta' Novembru 2012 osserva li t-talba tar-rikorrenti mhijiex konformi mat-termini tar-regolament 8(2) tar-Regola dwar il-Proċedura tat-Tribunal Industrijali (L.S.452.18) u in vista tas-suespost, it-Tribunal jiċħad it-talba tar-rikorrenti.

Ir-rikorrenti tisħaq li fil-Każ in kwistjoni l-ewwel kien hemm kuntratt wieħed li kien *part-time* indefinit u wara sar kuntratt ieħor definit. Għalhekk qalet li ż-żewġt impjiegi għandhom jittieħdu bħala waħda u għalhekk il-perjodu ta' prova huwa wieħed.

It-Tribunal josserva li kif irriżulta mix-xhieda, iż-żewġt impjiegi għalkemm kienu '*back to back*' u mal-istess Soċjetà, it-tip ta' xogħol kien ta' natura differenti u għalhekk dawn jiġu kunsidrati bħala żewg kuntratti ta' servizz differenti.

Għar-rigward ta' *probation* l-artikolu 36 tal-Att dwar l-Impjieg u Relazzjonijiet Industrijali fejn subartiklu I li jgħid: "Mingħajr pre-ġudizzju għal sub artiklu 16 l-ewwel sitt (6) xhur ta' kull impjieg taħt kuntratt ta' servizz għandu jkun perjodu ta' *probation* sakemm il-partijiet ma jaqblux għal perjodu iqsar". Dan hu rifless fi Klawsola 1(c) tal-Kuntratt bejn ir-rikorrenti u s-Soċjetà li tgħid li ir-rikorrenti kellha *probation period* ta' sitt (6) xhur.

Għalhekk minn dak li ġie ppreżentat u ppruvat quddiem dan it-Tribunal jirriżulta li r-rikorrenti ġie terminat l-impjieg tagħha fiż-żmien sitt (6) xhur li kienu perijodu ta' prova li bdew mid-data tal-ftehim datat 18 ta' Lulju 2011.

## 3. **Deċiżjoni**

It-Tribunal Industrijali jiddeċiedi li t-tmiem ta' l-impjieg tar-Rikorrent Chantelle Conti minn mas-Soċjetà Intimata Pizza by Luca Ltd kien skont il-liġi.

Ai termini ta' l-Avviż Legali Numru 48 tal-1986 it-Tribunal jiffissa d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93 kull wieħed.

B'hekk jintemm dan il-Każ.

Iffirmat : Christopher Attard

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

Ghas-Segretarju